



Kumitat għall-Baġits

2024/0003(BUD)

26.3.2024

EMENDI

1 - 2

Abbozz ta' rapport
Margarida Marques
(PE759.750v01-00)

Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni
għall-Ħaddiema Ssensjati - EGF/2024/000 TA 2024 - Assistenza teknika fuq
inizjattiva tal-Kummissjoni
((2024/0003(BUD))

Emenda 1

Eric Minardi, Joachim Kuhs

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B. billi l-assistenza tal-Unjoni lill-ħaddiema ssensjati għandha tkun primarjament diretta lejn miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol u servizzi personalizzati li għandhom l-għan li jintegraw mill-ġdid malajr lill-benefiċjarji f'impjieġ deċenti u sostenibbli, filwaqt li jħejjuhom għal ekonomija Ewropea aktar **ekoloġika u aktar** diġitali, filwaqt li jitqies kif xieraq il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mobilizzat il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG);

Emenda

B. billi l-assistenza tal-Unjoni lill-ħaddiema ssensjati għandha tkun primarjament diretta lejn miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol u servizzi personalizzati li għandhom l-għan li jintegraw mill-ġdid malajr lill-benefiċjarji f'impjieġ deċenti u sostenibbli, filwaqt li jħejjuhom għal ekonomija Ewropea aktar diġitali, filwaqt li jitqies kif xieraq il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mobilizzat il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG);

Or. en

Emenda 2

Eleni Stavrou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

E. billi r-reviżjoni tal-QFP tnaqqas l-ammont annwali massimu tal-FEG minn EUR 186 miljun għal EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2024/765; billi ***l-istituzzjonijiet kollha jeħtieġ li jiżguraw li, minkejja dan it-tnaqqis, il-ħaddiema li ngħataw is-sensja jkunu jistgħu jiddependu mis-solidarjetà tal-UE permezz tal-appoġġ tal-FEG;***

Emenda

E. billi r-reviżjoni tal-QFP tnaqqas l-ammont annwali massimu tal-FEG minn EUR 186 miljun għal EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2024/765; billi ***l-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-FEG u tiegħu kwalunkwe miżura meħtieġa biex tiżgura li t-talbiet ġustifikati kollha għal appoġġ mill-FEG ikunu jistgħu jiġu ssodisfati;***

